**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 4 ta' Gunju 2018**

**Talba Nru: 25/18 CZ**

**RMF Limited (C-8148)**

**vs.**

**Kalcedon Vella (ID 527577 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fl-10 ta' Jannar 2018 fejn talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' tlett elef erba' mija u sitt Euro u sitta w sittin centezmu (€3,406.66), dovuti ghal dawn ir-ragunijiet:

1. L-ammont ta' hames mija u hamsa u disghin Euro (€595) konsitenti fi flus li meta kien ghadu impjegat mas-socjeta' attrici hu gabar f'isem l-istess socjeta' ghal servizzi ta' towing, bejgh ta' batteriji, u servizzi ohra, u li naqas milli jghaddi lis-socjeta' attrici. Ricevuti qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dok. RMF 1.
2. L-ammont ta' elfejn u tmin mija u hdax-il Euro u sitta u sittin centezmu (€2,811.66) rapprezentanti self brevi manu, liema somma kellha tigi refuza fl-intier taghha f'kaz li d-debitur jittermina l-impjieg tieghu mas-socjeta' kreditrici, kif eventwalment gara, (Dok. RMF 2) skond ftehim iffirmat miz-zewg partijiet u li ghadha dovuta minkejja diversi interpellanzi (Dok. RMF 3).
3. Konsegwentement, is-socjeta' attrici talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' tlett elef, erba' mija u sitt Euro u sitta w sittin centezmu (€3,406.66) oltre imghaxijiet kummercjali.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2018.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elef erba’ mija u sitt Euro u sitta w sittin centezmu (€3,406.66) bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu’

Deputat Registratur